1 ta' Settembru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Sebastiano Agius *versus* Carmela Agius et.

**Likwidazzjoni — Dota — Beni Parafernali — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Spejjeż ta' l-Aħħar Marda — Spejjeż tad-Difna — Art. 1292 (2), 1353 u 1365, tal-Kodiċi Ċivili.**

*Dota huwa dak li l-mara tagħti lir-raġel, jew li lilha jiġi mogħti, bil-kitba taż-żwieġ. Meta ma hemmx kitba taż-żwieġ, l-affarijiet li l-mara ġġib magħha fl-okkażjoni taż-żwieġ huma parafernali, ossija extradotali.*

*Għalhekk mhix applikabili, meta ma hemmx kitba taż-żwieġ, id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lir-raġel id-dritt, meta jintemm iż-żwieġ, li jnaqqas mid-dota li għandu jrodd l-ispejjeż ta' l-aħħar marda u tad-difna tal-mara. Dan id-dritt huwa relativ għad-dota biss.*

*Jekk is-sustanzi li ġġib il-mara jkunu dotali, ir-restituzzjoni tagħhom hija dejn tal-patrimonju partikulari tar-raġel; jekk ma jkunux dotali, hemm lok għall-prelevament tagħhom mill-assi ta' l-akkwisti.*

*L-ispejjeż ta' l-aħħar marda huma a kariku ta' l-akkwisti, għaliex huma dejn li sar fil-kors taż-żwieġ. Divers huwa l-każ meta dawk l-ispejjeż jinħarġu mir-raġel "de proprio".*

*L-ispejjeż tad-difna huma a kariku interament ta' l-assi tal-konjuġi l-mejjet.*

*L-oġġetti li jiġu akkwistati fil-kors taż-żwieġ huma tal-komunjoni. Jekk għall-akkwist tagħhom ġew mogħtija xi oġġetti tal-mara, mill-assi soċjali għandha ssir deduzzjoni tal-valur ta' l-oġġetti li ġew mogħtija bħala korrispettiv ta' l-oġġetti hekk akkwistati.*

*Il-mara tikkontribwixxi għall-perditi soċjali san-nofs biss li jmissha mill-akkwisti. Jekk il-komunjoni tispiċċa bi żbilanċ, l-attiv tagħha kollu jaqa' għar-raġel, u dana jibqa' responsabili għad-djun li ma jkunux koperti b'dak l-attiv anki personalment.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi fil-31 ta' Jannar 1945, miet Carmela Agius (dok. A), mart l-attur u bint u oħt il-konvenuti rispettivament, mingħajr ebda dispożizzjoni testamentarja u mingħajr tfal, u għalhekk l-ġid li ħalliet l-istess Carmela Agius jispetta lill-kontendenti terz kull wieħed; illi l-kontendenti ma wasiux biex jaqsmu dana l-ġid bonarjament, u l-attur ma riedx jibqa' iżjed f'dan l-istat ta' komunjoni mal-konvenuti rigward dan il-ġid; u talab li (1) jiġi minn dina l-Qorti firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali ġà eżistenti bejn l-imsemmija miżżewġin Sebastiano Agius u martu Carmela, u li jiġi dikjarat jikkonsisti fil-ġid imniżżel fid-dokument "B" anness u fis-sustanzi l-oħra li jirriżultaw waqt il-kawża; (2) u li dana l-assi hekk likwidat jiġi maqsum f'żewġ porzjonijiet ugwali, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-wirt ta' l-imsemmija Carmela Agius u l-oħra lill-attur; (3) li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' l-imsemmija Carmela Agius, u li jiġi dikjarat jikkonsisti minn nofs l-assi soċjali konjugali lilha assenjat kif ġà msemmi u fis-sustanzi l-oħra tagħha partikulari skond il-prospett unit (dok. "C") u fis-sustanzi l-oħra li jirriżultaw ma' tul il-kawża; (4) li dana l-assi hekk likwidat jiġi maqsum fi tliet porzjonijiet ugwali li minnhom waħda tiġi assenjata lill-attur, oħra lill-konvenuta Agius u oħra lill-konvenuta Rapinett; u (5) li jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun, previa nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq l-istess att, li jiġi publikat fil-post, jum u ħin, li jistabbilixxi din il-Qorti. Bl-ispejjeż skond il-liġi, u bl-interpellanza lill-konvenuti biex jidhru u jagħtu s-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ġaladarba l-imsemmija Carmela Agius, mart l-attur, bint il-konvenuta Carmela Agius u oħt il-konvenuta l-oħra Emmanuela Rapinett, mietet bla tfal u bla testment, il-wirt tagħha jmiss kwantu għal terz lill-attur u kwantu għaż-żewġ terzi l-oħra, terz kull waħda, liż-żewġ konvenuti, skond ir-regoli tal-liġi dwar is-suċċessjoni tal-kollaterali leġittimi u d-drittijiet tal-konjuġi superstiti;

Illi fir-relazzjoni tal-perit legali hemm diversi ineżattezzi

fil-prinċipji regolaturi, u għalhekk hemm bżonn li tiġi modifikata;

Illi ma hux kontrastat li, għalkemm il-mejta ġiebet magħha diversi affarijiet fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha ma' l-attur, eppure ma kienx hemm kitba taż-żwieġ, u kwindi malament il-perit ikkunsidra dawk l-oġġetti bħala dotali; għaliex dota hu, skond il-liġi (art. 1292 (2) Kap. 23)*, dak kollu li l-mara tagħti lir-raġel, jew li ħaddieħor jagħti lilu f'isimha, bil-kitba taż-żwieġ; meta ma hemmx din il-kitba taż-żwieġ, allura dawk l-affarijiet li l-mara ġġib magħha fl-okkażjoni taż-żwieġ ikunu parafernali, ossija estradotali;

Illi bħala konsegwenza ta' dan, malament ukoll il-perit applika, fil-kors tal-likwidazzjoni minnu magħmula, id-dispost ta' l-art. 1353 Kap. 23, li jagħti lir-raġel id-dritt, meta ż-żwieġ jinħall bil-mewt tal-mara, li jnaqqas mid-dota li għandu jrodd l-ispejjeż ta' l-aħħar marda u tad-difna tal-mara. Dan il-jedd hu relativ għad-dota biss. Għalhekk, kwantu għall-ispejjeż tal-mard, dawn ma hemmx bżonn li jiġu kalkulati, għaliex, skond il-ġurisprudenza (App. "Alfonso Maria Micallef proprio et nomine vs. Lady Modesta Micallef", 29 ta' Jannar 1894), l-ispejjeż tal-mard huma għak-kariku ta' l-assi soċjali konjugali, għaliex huma dejn li sar fil-kors tal-komunjoni. Issa, f'dana l-każ, l-ispejjeż "ex admissis" inħarġu mill-komunjoni, u ma hemm lok għal ebda prelevament favur l-attur. Divers ikun il-każ kieku jinħarġu mir-raġel "de proprio". Kwantu għall-ispejjeż tad-difna, dawn, peress li naturalment isiru wara li tkun inħallet il-komunjoni bil-mewt tad-decujus, huma kunsidrati bħala li jiggravaw interament fuq l-assi ereditarju tal-mejjet. Għalhekk dawk l-ispejjeż għandhom ikunu fil-passiv ta' l-assi partikulari ta' Carmela Agius, apparti kull deduzzjoni ossija prelevament favur l-attur;

Illi kieku s-sustanzi li ġiebet magħha fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha Carmela Agius kienu dota, hu ċar li kienu jkunu unikament dejn tal-patrimonju partikulari tar-raġel (l-attur), iżda peress li dawk is-sustanzi ma humiex dota, għalhekk hemm lok għal prelevament tagħhom mill-assi ta' l-akkwisti skond l-art. 1365 Kap. 23;

Illi fil-kapi XVIII u XIX tar-relazzjoni tiegħu, fost it-

tliet oġġetti tad-deheb hemm imsemmijin, il-perit ikkunsidra bħala li jidħlu fl-assi partikulari ta' Carmela Agius il-ġiżirana bil-kurċifiss, u l-par imsielet; mentri hu paċifiku bejn il-kontendenti illi dawn iż-żewġ oġġetti ġew akkwistati waqt iż-żwieġ bħala korrispettiv ta' ġiżirana oħra u par imsielet oħra li kienet ġiebet magħha l-mejta, b'żieda ta' £1. 2. 0 fil-każ tal-ġiżirana, u 10s. fil-każ ta' l-imsielet. Issa hu ċar illi l-vera pożizzjoni legali hi dik skond l-inċiż (e) ta' l-art. 1365 Kap. 23, jiġifieri illi dik il-ġiżirana u dawk l-imsielet, bħala li ġew akkwistati waqt iż-żwieġ, għandhom jitqiesu bħala akkwisti; biss favur l-assi tal-mejta għandha ssir id-deduzzjoni tal-valur ta' *l-oġġetti tagħha li ngħataw bħala korrispettiv*. F'dana l-każ jiġi għalhekk illi, meta wieħed iqies il-valur stabbilit "arbitrio boni viri" mill-perit legali u aċċettat *bin-nota* tal-partijiet fol. 103, favur l-assi tal-mejta għandu jkun hemm prelevament, kwantu għall-ġiżirana ta' £5. 15. 0 (ċjoè £7 nieqes il-£1. 5. 0 żieda), u kwantu għall-imsielet 12s, (ċjoè £1. 2. 0 nieqes l-10s. żieda) — b'kollox prelevament ta' £6. 7. 0, mentri l-oġġetti atess jibqgħu fl-assi soċjali konjugali bħala li jiswew £8. 2. 0;

Kwantu għall-indennizz pagabili mill-War Damage Commission, imsemmi fil-paragrafi XX, XXI. XXII, XXIII, XXIV u XXV, tar-relazzjoni, peress li għadha tħallset biċċa minnu biss, għalhekk ma hux spedjenti li l-konteġġi reċiproċi jsiru "a spizzico", imma hu minflok aktar rakkomandabili illi r-riżerva suġġerita mill-perit legali fil-para. XLVIII issir għar-rigward tas-somma kollha, inkluż l-akkont ta' £20 ġà riċevuti mill-konvenuta Carmela Agius;

Illi malament ukoll il-perit legali, fil-para XL, semma illi l-attur għandu jagħti lill-assi tal-mejta martu nofs il-valur ta' l-assi soċjali konjugali. Ladarba l-komunjoni spiċċat bi *żbilanċ*, il-pożizzjoni skond il-liġi hi illi lill-assi tal-mejta ma jmissha xejn minn dik il-komunjoni; għaliex hi għandha *tikkontribwixxi* biss, san-nofs tagħha, għall-perditi soċjali; u dak li hemm f'dan l-assi għandu jibqa' f'idejn l-attur biex jagħmel fronti għad-dejn, salva r-responsabilità ta' l-attur għal kwalunkwe eċċess ta' dejn mhux kopert bl-attiv residwali ta' *l-assi* soċjali konjugali bil-ġid tiegħu proprju; għaliex ir-raġel miżżewweġ li jikkuntratta waqt iż-żwieġ jobliga l-komunjoni u l-patrimonju tiegħu partikulari;

Tikkunsidra;

Illi premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tiddeċidi;

Fuq l-ewwel domanda, billi tillikwida l-attiv..............;

Fuq it-tieni domanda, tiddikjara illi l-komunjoni, spiċċat bi żbilanċ; għalhekk lill-wirt tal-mejta ma jmiss ebda sehem "uti socia", imma għandhom jiġu lilha assenjati, b'soddisfazzjon taż-żewġ prelevamenti msemmija fin-nota "B" mgħaqqda ma' din is-sentenza, li jilħqu flimkien £22. 4. 0............;

Fuq it-tielet domanda, tiddikjara illi l-assi partikulari ta' Carmela Agius jikkonsisti f'dan li ġej..........;

Fuq ir-raba' domanda, tordna d-diviżjoni ta' l-assi partikulari ta' Carmela Agius b'dan il-mod..........;

Fuq il-ħames domanda, tinnomina, ħalli jirċievi l-att lin-Nutar Alberto Sigismondo Dandria, u bħala kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi lill-Avukat Dottor Maurice Caruana Curran. L-att għandu jiġi publikat f'waħda mill-awli ta' dawna l-Qrati fit-2 ta' Ottubru 1947, fit-3 p.m.;

Tordna fl-aħħarnett illi fl-att għandha ssir riżerva fissens illi l-partijiet jirriżervaw li jaqsmu s-somma mħallsa jew pagabbli mill-War Damage Commission imsemmija fil-para. XX et seq. tar-relazzjoni, salv li minnha tinqata' s-somma ta' £4. 18. 4 favur il-konvenuta Rapinett għar-raġunijiet li hemm fil-para. XXIII tar-relazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu fil-proporzjon ta' terz kull wieħed mill-kontendenti.